MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 12(2009), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta, is-17 ta' Novembru 2009, fil-5.30 p.m.

1. **Preżenti** :

| | |
|---|---|
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |

**Segretarju Eżekuttiv** John Restall

**Mhux preżenti** :

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana – skużat |
| **Kunsillier** | Steven Grech – assenti |

(Il-Viċi-Sindku mexxa l-laqgħa)

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Attivitajiet għall-Milied
6. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
7. Affarjiet Oħra

**2. Qari tal-Minuti**

**2.1** Nqraw il-Minuti tal-laqgħa nru. 11(2009) u dawn ġew approvati.

**3. *Arising* mill-Minuti**

**3.1** Dwar Para 3.2 (ristoranti li jħallu skips barra), il-Kunsillier Pomroy ippropona li l-Kunsill jitlob lis-Sur Paul Spiteri, Planning Officer mal-Malta Tourism Authority sabiex tal-MTA ikellmu lis-sidien tar-ristoranti li jħallu skips barra.

**3.2** Dwar Para 7.1 (sejħa għal offerti għat-tindif tat-toroq), is-Segretarju Eżekuttiv ġie mitlub sabiex fid-dokumenti tat-tender għat-tindif ta' toroq urbani jinkludi kemm il-bankini u t-toroq u l-qtuħ tal-ħaxix.

**4. Korrispondenza**

**4.1** Nqrat il-korrispondenza kollha pendenti.

**4.2** Il-Kunsill approva t-talba tal-librara, is-Sinjura Carmen Scicluna, sabiex il-Kunsill iħallas għat-trasport sal-Christmas Village, Mellieħa, għat-tfal li huma membri tal-Librerija Pubblika.

**4.3** Is-Segretarju Eżekuttiv ġie mitlub sabiex jitlob b'urġenza spjegazzjoni mill-MEPA dwar applikazzjoni ġdida (PA/04854/09 – To erect new electrical power generating station at Delimara Power Station, Triq il-Power Station, Marsaxlokk, li l-Kunsill kien għadu kemm ġie nfurmat biha.

**4.4** Il-Kunsill qabel li jitlob il-parir tal-Kappillan dwar rigal xieraq għall-Mons. Arċisqof Pawlu Cremona bħala rikordju tal-laqgħa tiegħu mal-Kunsill nhar il-Ħadd, 29 ta' Novembru 2009. Din il-laqgħa tifforma parti miż-zjara pastorali f'Marsaxlokk.

**4.5** Il-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Pomroy aċċettaw li jattendu seminar organizzat mill-ADT dwar *Traffic Management and Safety on Road Interventions* li kien ser isir nhar il-Ħamis, 26 ta' Novembru 2009.

**5.** **<u>Kommunikazzjonijiet tas-Sindku</u>**

**5.1** Is-Sindku kien talab li waqt din il-laqgħa il-Kunsill jikkunsidra l-proposta tiegħu li l-Sur Jordy Brincat, l-iskrivan tal-Kunsill, u s-Sur Horace Gauci jibdew jiġbru l-materjal u l-artikli għall-fuljett tal-Kunsill mill-ħarġa li jmiss. Il-Kunsill approva unanimament.

**5.2** Il-Viċi-Sindku nforma 'l Kunsill li kien kellem lill-Perit Zerafa Boffa dwar il-proġett tat-tisbiħ tax-Xatt. Il-Perit Zerafa Boffa kien qallu li x-xogħol tal-proġett kien ser jitkompla billi l-ewwel issir it-triq sabiex ma jkunx hemm problemi bil-livelli meta jsir il-pavimentar man-naħa tal-baħar f'Xatt is-Sajjieda.

**6.** **<u>Attivitajiet għall-Milied</u>**

**6.1** Il-Kunsillier Pomroy ippreżenta kwotazzjoni mingħand Leon Promotions għal programm varjat ta' attivitajiet tal-Milied li b'kollox kien ser jiswa madwar €3,600. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill. Il-programm kien ippjanat għal nhar il-Ħadd, 27 ta' Diċembru 2009.

**6.2** Il-Kunsill iddeċieda li l-bibita għall-ħaddiema tal-Kunsill issir nhar il-Erbgħa, 23 ta' Diċembru 2009, f'nofsinhar. L-ikla tal-Kunsill kellha ssir nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Diċembru 2009.

**6.3** L-għotja ta' rigali lill-anzjani tal-lokalita' kellha ssir nhar is-Sibt, 19 ta' Diċembru 2009.

**7.** **<u>Approvazzjoni ta' Ħlasijiet</u>**

**7.1** Il-Kunsillier Cassar, issekondat mill-Kunsillier Pomroy, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati dawn il-ħlasijiet :

| | | **€** |
|---|---|---|
| Alfa Co Ltd | *Storage Cabinet* | 174.22 |
| Anġlu Fenech | *Supplies* għall-uffiċċju Ġunju - Sett 09 | 237.15 |
| Best Print | "Mir-Raħal is-Sajjieda" Stampar ta' *posters* u *leaflets* | 609.00 |
| Bitmac | 30 boroż *Instant Road Repair* | 115.40 |

| | | |
|---|---|---|
| Carmel Carabott | Manutenzjoni ta' *Notice Board* | 58.00 |
| Carmen Scicluna | Ftuħ tal-Librerija Ott 09 (40hrs X €5.59/hr) | 223.60 |
| Clean Away Services | 120L *Skip on wheels* għal Binja Ħal Ġinwi | 96.21 |
| Cleansing Services Dept | Kenniesa Ott 09 | 1357.84 |
| Cleansing Services Dept | Bulky Refuse Ott 09 | 269.39 |
| Cleansing Services Dept | Latrini Ott 09 | 626.39 |
| Cleansing Services Dept | "Mir-Raħal is-Sajjieda" ftuħ tal-latrini 17.10.09" | 103.84 |
| Commissioner of Police | "Mir-Raħal is-Sajjieda", *Extra Duty* 17/ 18 Ott 09 | 290.43 |
| Digitone | *Keyboard* u *mouse* għall-iskrivan | 44.00 |
| Frans Camilleri | Ġbir ta' skart mid-djar Ott 09 | 3979.34 |
| Frans Camilleri | Skip, Fortizza tas-Silġ Ott 09 | 58.23 |
| G4 Security Services | *Cash-in-transit* Ott 09 | 38.06 |
| GO | 21659555, Ott 09 | 23.89 |
| GO | 21652525, Ott 09 | 322.16 |
| GO | 21650937, Ott 09 | 80.17 |
| GO | 21652392, Kera Nov 09 | 15.64 |
| Johanna Caruana | *Conversion of Sage Pastel to Line 50* | 240.. |
| Johanna Caruana | *Accountancy Services Apr-June 09* | 660.00 |
| Merlin Library | Kotba għal-Librerija | 48.61 |
| Miller Distributors | Kotba għal-Librerija | 71.09 |
| Sergio Gafa' | Tiswijiet tal-*airconditioners* | 190.00 |
| Standard Publications | "Mir-Raħal is-Sajjieda" Reklam 14 Ott 09 | 198.24 |
| Schembri Concrete Blocks | Kurduni għall-bankina Triq l-Arznell/Kavallerizza | 51.25 |
| TCTC Training | *Learn It Agreement,* korsijiet għall-adulti | 1100.00 |
| TCTC Training | Tqassim ta' *Leaflets* | 57.45 |
| Union Print | "Mir-Raħal is-Sajjieda" Reklam 14 Ott 09 | 206.74 |
| | **Total** | **€11306.34** |

Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

**8.** **<u>Affarjiet Oħra</u>**

**8.1** Il-Kunsillier Pomroy informa 'l Kunsill li kien hemm ħtieġ li jitnaddfu l-*culverts.* Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jitlob kwotazzjoni mingħand id-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi.

**8.2** Is-Sinjura Sonya Pedersen, membru tal-Kunsill Skolastiku, li kienet preżenti għal-laqgħa, talbet jekk kienx possibbli li l-Kunsill japplika għal fondi taħt l-iskema ta' Inizjattivi Sportivi tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex dawn jintużaw għal attivitajiet sportivi fl-iskola primarja. Is-Segretarju Eżekuttiv kellu jitlob aktar informazzjoni dwar din l-iskema mingħand id-Direttur għall-Gvern Lokali.

**9.** Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 p.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 15 ta' Diċembru 2009.

**Edric Micallef**
**Viċi-Sindku**
**Data :**

**John Restall**
**Segretarju Eżekuttiv**